MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 59/2005/1

**Dominic Cutajar [ID 120538(M)], Maria Melita Tabone [ID 41481(M)], Giorgina sive Gina Formosa [ID 170046(M)], u l-Avukat Dr. Tanya Sciberras Camilleri [ID 310267(M)] bhala mandatarja specjali tal-imsiefra Carmen Geske**

**vs**

**Carmelo Formosa**

**Sentenza Preliminari fuq it-tieni eccezzjoni**:

**Il-Bord**

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn jiddikjaraw Illi huma proprjetarji tal-fond 129, bl-isem ‘Carmel Garage’ (gja ‘St Dominic’) Cannon Road, Santa Venera versu l-kera ta’ tmien mitt lira [Lm800] fis-sena, pagabbli fl-1 ta’ Marzu, fl-1 ta’ Gunju, fl-1 ta’ Settembru u fl-1 ta’ Dicembru ta’ kull sena bil-quddiem;

Illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-arretrati tal-kera dovuta fuq l-istess fond ghall-iskadenzi tal-1 ta’ Marzu 2003, tal-1 ta’ Gunju, 2003, tal-1 ta’ Dicembru, 2003, tal-1 ta’ Settembru, 2003 u tal-1 ta’ Marzu, 2004;

Illi nonostante illi l-intimat gie debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-kera dovuta, inkluz permezz ta’ hames ittri ufficjli u cioe wahda ghall kull skadenza, huwa baqa’ inadempjenti;

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew:

Illi l-gudizzju mhux integru peress li mart l-esponent kellha tkun parti fil-kawza stante li din il-kirja tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

Illli fit-tieni lok, sal-lum dan il-Bord ma hux kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talbiet ghar-ragunijiet li jigu spjegati fil-kors ta’ din il-kawza.

Illi fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma hux moruz fil-pagamenti tal-arretrati tal-kera, fis-sens kif trid il-ligi u ghall-finijiet tat-talbiet tar-rikorrenti.

Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt udan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Rat l-atti tar-rikors:

Ikkunsidrat illi din hija sentenza preliminari dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimati rigwardanti n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan il-Bord;

Illi minkejja li dan il-Bord ta l-fakulta lill-intimati jelaboraw dwar it-tieni eccezzjoni taghhom, dawn naqsu milli jghamlu dak minnhom mitlub oltre l-fatt illi fl-eccezzjoni taghhom ma taw l-ebda hjiel ghaliex dan il-Bord mhux kompetenti jisma u jiddeciedi dwar il-kaz. Il-Bord ma jistax jifhem ghaliex x’inhu dan il-misteru kollu u ghaliex l-

intimiati ma ddikjarawx ir-ragunijiet taghhom fl-ewwel okkazzjoni li kellhom u cioe fl-istess nota risponsiva;

Ghal dawn ir-ragunijiet, in mankanza ta’ ragunijiet sufficjenti, il-Bord jiddisponi mit-tieni eccezzjoni tal-intimati billi jichad l-istess salv kull decizjoni ulterjuri fil-kaz li l-Bord ikun edott minn aktar fatt.

Bl-spejjez kontra l-intimati;

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------